TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 167/16/F

**Andreas Toth**

**vs**

**Gold Car Rentals/Rhodium Car Rental**

Illum 21 ta' Marzu, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Settembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, tliet mija u ħamsin ewro (€1,350), għall-fatt illi s-soċjeta' ntimata damet 'il fuq minn 6 xhur sabiex tagħtih il-flus lura tad-depożitu li kien inġibidlu meta kellu l-karozza.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien kera karozza u s-soċjeta' ntimata kienet ħaditlu depożitu t'elf, tliet mija u ħamsin ewro (€1,350), u minkejja li rritorna l-karozza tajba u ma kellhiex ħsarat, dan xorta dam 6 xhur sabiex jieħu lura l-flus, bil-konsegwenza illi kellu jħallas imgħaxx ċirka £36 fix-xahar għal 6 xhur, ossia €185 rappreżentanti l-imgħaxx li sofra r-rikorrenti sakemm s-soċjeta' ntimata ħallsitu lura l-ammont kollu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija, u ħamsa u tmenin ewro (€185), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888